# Bidu ta' restawr tat-Teatru Astra

Ix-xogħlijiet ta' restawr fit-Teatru Astra għaddejjin b'ritmu tajjeb sabiex ikun jista' jerġa' jopera fl-istaġun li jmiss, fil-hin għat-tielet edizzjoni ta' *Festival Mediterranea* li jiftaħ is-siparju tiegħu nhar it-28 ta' Ottubru.

It-Teatru Astra waqaf jopera wara li nirien ħakmu partijiet sostanzjali minnu nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2003. Kienu diversi il-persunaġġi mix-xena politika lokali, inklużi l-President tar-Repubblika l-Prof Guido de Marco, l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura, Jesmond Mugliett, membri parlamentari Għawdxin, Frederick Azzopardi u Dr Justyne Caruana, kif ukoll is-Sindku tal-Belt Victoria, Vivienne Galea Pace li wrew solidarjetà mal-*management* tat-Teatru Astra permezz ta' żjajjar wara l-inċident.

Ix-xogħlijiet ta' restawr li nbdew s'issa jinkludu, fost l-oħrajn, l-egħluq tas-saqaf tas-sala permezz ta' *aluminium sheeting* li kellu jiġi ordnat u manifatturat għall-post. In-nirien ikkawżaw ħsara kbira fis-saqaf oriġinali tant li ħallew toqba kbira u allura l-istess sala esposta għall-elementi. L-egħluq tas-sala għalhekk kienet waħda mill-ikbar preokkupazzjonijiet tal-*management* tat-Teatru. Kienu mhux ftit il-voluntiera li xammru l-kmiem u assistew lill-kuntratturi privati sabiex setgħet tinbena struttura tal-ħadid li tippermetti li jsir il-bqija tax-xogħol.

L-istess struttura kienet strumentali sabiex setgħet issir it-tieni fażi ta' tindif tant meħtieġa, inkluż it-tneħħija ta' partijiet tas-suffitt li kienu ddendlu b'mod perikoluż għal min ikun fis-*seating area*. Madwar terz tas-suffitt oriġinali ġie meqrud għal kollox.

Matul dawn l-aħħar tlett xhur saru wkoll it-testijiet neċessarji fuq il-bqija tal-*cables* ta' l-elettriku u l-apparat tekniku fis-sala. Ġie kkonfermat li s-sistema kollha ta' l-elettriku tat-teatru trid tinbidel għal kollox, inkluż il-*cables*, dawl tas-sala, tal-palketti u l-kuriduri tagħhom, kif ukoll id-dawl ta' fuq u quddiem il-palk. L-istallazzjoni ta' din is-sistema, li hi mistennija li tqum ftit eluf ta' liri mhux ħażin, hija waħda mill-ikbar spejjeż li jrid jagħmel il-*management* tat-Teatru Astra sabiex jerġa' jġib din il-mekka kulturali għall-istat oriġinali tagħha.

Bħalissa għaddejja wkoll ħidma preparattiva sabiex l-i*screen* tas-*cinema* u apparat ieħor, li wkoll inqerdu min-nirien, jiġu ordnati u finalment imwaħħla fil-post.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat saru wkoll laqgħat tal-*management* flimkien ma' Frank Portelli, id-diżinjatur tat-teatru fis-snin Sittin, illi wkoll żar is-sit u qiegħed jassisti lill-*management* b'pariri siewja b'konnessjoni mal-pjan ta' restawr.

Preżentament, l-ikbar diffikultà li qed jiffaċċja l-*management* tat-Teatru Astra hija l-fondi neċessarji sabiex it-teatru jerġa' lura għal li kien. Il-*management* jieħu l-okkażżjoni sabiex jerġa' jfakkar lill-pubbliku bil-"Fond għar-Restawr tat-Teatru Astra" li twaqqaf sabiex jilqa' d-donazzjonijiet ta' persuni li għandhom għal qalbhom il-ftuħ mill-ġdid tat-teatru. Il-*management* jestendi l-appell tiegħu lil dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu, anke permezz ta' ammonti żgħar, biex jikkuntattjaw lil xi membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Stella jew jiddepożitaw l-kontribuzzjoni tagħhom f'wieħed minn dawn il-kontijiet bankarji: BOV 40012978957, APS 200012848-9, LOMBARD 0144064006701, HSBC 071088801051.



It-Teatru Astra jixtieq mill-ġdid juri l-apprezzament tiegħu lill-agenzija ta' l-assikurazzjoni li magħha huwa nxurjat għall-koperazzjoni kbira min-naħa tagħha kif ukoll lil dawk il-ħbieb tat-Teatru Astra li diġa' taw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom, fosthom kantanti barranin ta' l-opra li kienu parti minn produzzjonijiet operistiċi ta' l-istess teatru. Finalment, il-*management* tat-teatru jesprimi t-tama tiegħu li jerġa' jiftaħ il-bibien tiegħu mill-iktar fis possibbli ... u dan, possibbli biss jekk il-pubbliku jagħti d-daqqa t'id bil-mod li jista'.

***Grazzi bil-quddiem!***



A&M Printing Ltd. - 21553217